# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 6 ta' Dicembru 2016

**Citazzjoni Nru. 58 / 04RGM**

**Kawza fil-lista: 15**

**X Y**
**vs**
**G Y u permezz ta' digriet datat 28 ta' Frar 2007 l-isem ghandu jaqra H Y**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li permezz taghha ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Premess illi l-kontendenti zzewgu nhar it-22 ta' Settembru 1990;

U premess illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabbilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, ingurji, abbandun, theddid u adulterju da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici; kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru bejn il-kontendenti;

U premess illi miz-zwieg twieldu zewgt itfal bl-isem ta' E u A.

U premess illi llum il-konvenut gja hareg mid-dar konjugali u cioe' mill-fond ' -----------omissis ----------Zurrieq.

U premess illi l-attrici giet debitament awtorizzata skont Digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili bin-Numru 1866/03 (Dok. 'DA1') sabiex tipprocedi ghas-separazzloni personali.

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti minhabba mohqrija, sevizzi gravi, ingurji, abbandun, theddid u adulterju da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici; kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru bejn il-kontendenti;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja assoluta tat-tfal minuri hawn fuq imsemmija lill-attrici;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tfal minuri taghha.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzionijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma' u okkorrendo ta' Nutar Pubbiiku biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

5. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand.

6. Tordna illi l-attrici tinghata d-dritt t'abitazzjoni tal-fond konjugali bl-isem ta' 'St. Catherine's Farmhouse', Hal Far Road, Zurrieq ad eskluzjoni tal-konvenut.

7. Tordna illi d-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata bhala r-residenza personali tal-attrici.

8. Tapplika l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligriiet ta' Malta stante huwa l-konvenut li huwa unikament hati tal-firda minn mal-attrici u ghalhekk ghandhom jigu applikati l-effetti kollha ta' l-imsemmi artikolu fil-konfront tal-istess konvenut.

9. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni stante illi l-attrici m'ghandha tbati l-ebda forma ta' spejjez stante illi l-firda ma kinitx it-tort taghha izda tort unikament tal-konvenut.

Bl-spejjez u l-konvenut minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-ewwel talba tal-attrici ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hijiex opposta b'dan pero' illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti.

2. Illi t-tieni talba hija opposta billi l-imgieba tal-attrici hija tali illi ma tistax tigi affidata bil-kura u kustodja tat-tfal minuri. L-attrici ghandha problemi serji ta' alkoholizmu illi jrenduwha inkapaci tippresta konsistentement il-kura mehtiega ghat-trobbija tat-tfal minuri.

3. Illi t-tielet talba attrici ghal-hlas tal-manteniment hija opposta sew ghaliex l-attrici iddekadiet mid-dritt taghha li tippercepixxi l-manteniment u kif ukoll ghaliex l-attrici hija kapaci illi tipprovdi ghall-manteniment taghha stess.

4. Illi r-raba talba ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti mhiex opposta b'dan pero' illi jigi kkonsidrat illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irremedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjoni tal-Ligi citati mill-attrici u di piu` l-attrici ddekadiet minn porzjoni sostanzjali ta' sehemha mill-gid komuni u di piu' il-krediti u l-prelievi estensivi tal-eccipjent kontra l-komunjoni jigu likwidati u imhallsa lill-eccipjent jew kredati lil sehemu.

5. Illi s-sitt talba attrici hija opposta billi l-imsemmija dar konjugali ghandha valur tali illi tikkostitwixxi l-maggorparti tal-gid komunjoni u l-istess dar, f'kaz li tigi mibjugha flimkien mal-likwidazzjoni tal-assi l-ohra komuni ghandha tiggenera rikavat tali illi z-zewg kontendenti jkunu li grad illi jakkwistaw residenzi separati u decenti ghalihom infushom. Di piu, huwa eccepit illi l-konvenut bl-ebda mod ma' ta' lok ghal xi ordni ghall-zgumbrament tal-istess.

6. Illi s-seba' talba hija opposta billi superflua (billi gja kompriza fis-sitt talba) u jekk b'assenjazzjoni bhala r-residenza personali, wiehed ghandu jifhem illi d-dar tkun inkluza fis-sehem assenjat lill-attrici, l-esponent jeccepixxi illi, kif gja implicitu fl-eccezzjoni precedenti, il-valur tad-dar huwa tali illi l-assenjazzjoni mitluba ma tistax ssir jekk mhux bi hlas ta' ekwiperazzjoni illi tiskorrri s-somma ta' Lm150,000.

7. Illi l-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-attrici mhux biss ghaliex kienet hi li kissret iz-zwieg izda ghaliex fl-ebda hin ma pprovat tevita dawn il-proceduri bi transazzjoni anzi injorat jew irrifjutat kull tentattiv tal-konvenut illi jsir ftehim ta' separazzjoni.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:-

Billi l-konvenut jixtieq jipprevalixxi ruhu mic-citazzjoni pprezentata kontra tieghu mill-attrici u debitament notifikata lilu, sabiex jipprezenta l-odjerna kontro-talba.

Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, minacci, insulti, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-attrici.

Billi l-konvenut gie debitament awtorizzat illi jipprezenta din l-istanza perrnezz ta' digriet f' dan is-sens moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Dicembru 2003.

Tghid l-istess attrici ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

Tiddikjara u tippropunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabilixxi d-data meta l-istess attrici ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda.

Tawtorizza lill-konvenut illi jghix separata mill-attrici martu.

Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Dean u A, ahwa Y, tigi fdata lill-konvenut salv l-access tal-attrici fil-granet u 1-hinijiet stabbiliti mill-Qorti.

Tikkundanna lill-attrici sabiex thallas lill-konvenut zewgha, ghalih u ghall-imsemmija tfal minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skont il-mezzi tal-attrici u l-bzonniiiet ta’ l-konvenut, pagabbli mill-attrici lill-istess konvenut zewgha fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-attrici sabiex thallas lill-konvenut, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-konvenut jkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-attrici.

Tapplika kontra l-attrici interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti u tillikwida ezistenti bejn il-kontendenti l-istess fil-gid u djun dikjarati minn dina l-istess Qorti b’rata formanti l-komunjoni billi jigu inkluzi fost id-djun inter alia l-krediti u prelevamenti tal-patrimonju personali u partikolari tal-konvenut kontra l-istess komunjoni u tordna li l-istess assi u djun, formanti komunjoni ta’ l-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet komposti kif stabilit min dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-

akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess attrici ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-konvenut u r-ohra lill-istess attrici billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq 1-istess att.

Tikkundanna lill-attrici tikkonsenja u tirrestitwixxi lill-konvenut l-beni kollha parafernali tieghu.

Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata eskluzivament mill-konvenut.

Tawtorizza lill-konvenut illi jirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond Awla ta' din il-Qorti, kontra 1-attrici illi hija ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici rikonvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi, ai fini tal-ewwel u t-tieni talba, l-eccipjenti ma topponix ghas-separazzjoni personali izda dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut-rikonvenzjonant hekk kif gja' indikat fic-citazzjoni ipprezentata minnha.

2. Illi ghar-rigward tat-tielet talba, l-eccipjenti topponi illi l-konvenut rikonvenzjonant jiehu pjenament il-kura u l-kustodja taz-zewg minuri uliedhom.

3. Illi a rigward tar-raba' talba, l-eccipjenti topponi tali talba stante li ghandu jkun il-konvenut-rikonvenzjonant li ghandu jibqa' jforni manteniment ghaliha u ghaz-zewg uliedha.

4. Illi a rigward tal-hames u s-sitt talba, l-eccipjenti lanqas ma qieghdha topponi ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u li l-istess komunjoni tinqasam f'zewg porzjonijiet, izda sakemm fl-ewwel lok il-konvenut-rikonvenjonant bhala hati tal-firda matrimonjali ta' bejn il-kontendenti ghandhom jigu applikati fil-konfront tieghu minn din il-Qorti d-disposizzjonijiet tal-artikoli relattivi tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, inter alia, l-Artikolu 48 tal-istess Kapitolu u fit-tieni lok din il-Qorti tordna l-izgumbrament tal-konvenut-rikonvenzjonant mid-dar matrimonjali u tassenja l-istess lill-eccipjenti bhala r-residenza personali taghha li fiha jabitaw ukoll iz-zewg uliedha.

5. Illi a rigward tat-tmien talba l-eccipjenti topponi tali talba stante li ghandha tkun hija li jibqa' jkollha dritt ta' abitazzjoni fid-dar konjugali fejn hija tabita attwalment.

6. Illi l-eccipjenti m'ghandhiex fil-pussess taghha l-ebda beni parafernali li jappartjenu lill-konvenut-rikonvenzjonant.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.

Rat l-affidavit tal-attrici u ta' missierha Patrick Joseph Mooney annessi ma' nota pprezentata fit-23 ta' Frar 2005;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-14 ta'April 2005 fejn il-Qorti nnominat lill-Perit Mario Cassar biex jistma l-propjeta' immobbli, lil Dr Ian Crockford biex jaghti valutazzjoni tal-kumpaniji indikati mill-attrici u lil Vincent Ciliberti biex jaghamel stima tal-mobbli indikati, u il-Perit Legali Lydia Zerafa giet sostitwita b'Dottor Neville Camilleri;

Rat l-affidavit ta' Tereza Y, omm il-konvenut, anness ma' risposta pprezentata fit-30 ta' Settembru 2005;

Rat in-nota tal-konvenut dwar il-pretensjonijiet tieghu pprezentata fit-23 ta' Settembru 2005 u dik tal-attrici dwar il-pretensjonijiet taghha, pprezentata fit-2 ta' Novembru 2005;

Rat in-nota tal-konvenut tas-16 ta' Novembru 2005, li permez taghha pprezenta l-affidavits tieghu markati Dok RA1, RA2 u RA3 u dak ta' ohtu Doris Spiteri market Dok RA4;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku, il-Perit Mario Cassar, minnu mahlufa fis-6 ta' Dicembru 2005;

Rat l-affidavit ta' Tereza Y, Dok RA5 u ta' Anna Gauci Dok RA6 annessi ma nota pprezentata fl-14 ta' Dicembru 2005;

Rat l-affidavit ta' Dean Y, bin il-partijiet anness ma' nota tal-24 ta' Marzu 2006;

Rat ir-rapport tas-Social Worker, Marisa Gatt, mahluf fil-5 ta' April 2006;

Rat il-kontroezami tal-attrici li sar fis-seduta tal-25 ta' April 2006 mizmuma mill-Perit Legali;

Rat in-nota tal-partijiet ipprezentata fit-2 ta' Ottubru 2007 fejn ddikjaraw li qablu li t-tifel minuri A ghandu jattendi skola fil-Kullegg - omissis - a spejjez tal-missier;

Rat d-dokumenti annessi man-nota tal-konvenut ipprezentata fil-5 ta' Gunju 2008;

Rat r-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dottor Mary Muscat ipprezentat fil-31 ta' Mejju 2011;

Rat ir-rapporti li saru mal-Pulizija fis-7 ta' Mejju 2011 u fl-10 ta' Mejju 2011;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-2 ta' Gunju 2011 li ordnat li f'dak l-istadju, in vista tal-problemi ta' xorb tal-omm, il-kura u kustodja tal-minuri giet fdata f'idejn il-missier;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2011 fejn 'inter alia' l-partijiet qablu li l-omm jkollha access ghal-minuri A tlett darbiet fil-gimgha fil-presenza ta' huh Dean li ghandu 20 sena;

Rat ir-rapport tal-Perit Komputista Lawrence Camilleri mahluf fl-14 ta' Gunju 2012;

Rat s-sentenza tal-Qorti tal-Irlanda ta' Fuq dwar *Return Order* tal-minuri, tat-23 ta' Ottubru 2012;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2012 fejn il-Qorti laqghet t-talba tal-partijiet u ordnat li l-proceduri minn dakinhar kellhom jigu kondotti fil-lingwa Ingliza;

Rat in-nota tal-Agenzija Appogg, dwar il-minuri pprezentata fit-28 ta' Jannar 2013;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Marzu 2013, dwar il-kura, kustodja u residenza tal-minuri pendenti l-ezitu finali tal-kawza;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2013, fejn giet nominata l-Avukat Dottor Christine Bellizzi bhala Perit Legali in sostituzzjoni tal-Avukat Dottor Neville Camilleri li gie elevat ghall-Magistratura;

Rat x-xiehda ta' Patrick Mooney u Mary Mooney li xehdu fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2012;

Rat ix-xiehda ta' Ingrid Vassallo, li xehdet fis-seduta tal-20 ta' Frar 2013;

Rat x-xiehda tal-attrici li xehdet fis-seduta tal-20 ta' Frar 2013, u fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013, u ta' Dottor George Grech, u tal-konvenut li xehdu fl-istess seduta u tal-PS 827 Edward Grech li xehed fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2013;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' April 2013, dwar it-talba tal-attrici li fil-pendenza tal-ezitu finali tal-kawza, tinghata temporanjament il-kura u l-kustodja tal-minuri u li dan jigi awtorizzat jghix ma ommu fl-Irlanda;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-8 ta' Mejju 2013;

Rat x-xiehda ta' Sonia Camilleri, Social Worker, u tal-partijiet li xehdu fis-seduta tal-4 ta' April 2013;

Rat ix-xiehda ta' PS 966 Recee Desira, ta' Ingrid Vassallo, ta' X Lazze, ta' Audrey Ghigo, ta' Joseph Picco, ta' Dr Arron Zammit Apap u tal-partijiet li xehdu fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2013;

Rat n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-28 ta' Mejju 2014 u dik tal-attrici pprezentata fil-25 ta' Awissu 2014 li maghha giet annessa dikjarazzjoni guramentata tal-attrici;

Rat n-nota responsiva tal-konvenut ipprezentata fis-26 ta' Settembru 2014;

Rat r-relazzjoni tal-abbli Perit Legali Dottor Christine Bellizzi mahlufa fid-19 ta' Frar 2016;

Rat n-nota ta' kritika tal-konvenut ipprezentata fis-26 ta' Lulju 2016 u n-nota tal-attrici ipprezentata fid-29 ta' Awissu 2016;

Rat li l-kawza tinsab differita ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**IL-PROVI.**

L-attrici pprezentat l-affidavit taghha anness ma' nota tat-23 ta' Frar 2005, Dok A Fol 86. Hi kkonfermat li ilha mizzewgha ma' Ronnie Y ghal 15-il sena. Kienu jghixu flimkien fl-Irlanda u disa snin qabel iddecidew li jistabbilixxu r-residenza taghhom f'Malta, r-relazzjoni ta' bejnethom kienet tajba ghalkemm, bhal kull koppja ohra gieli kien jkollhom xi argument pero' b'ebda konsegwenzi serji. Il-problemi bdew meta gew jghixu f' Malta. Ronnie beda n-negozju u fetah diversi hwienet. Skont l-attrici minn dak iz-zmien il-karattru tieghu tbiddel

kompletament. Xehdet li beda jikkoncentra fuq ix-xoghol u skont hi beda joghbodha. Tghid li kien hemm okkazjonijiet meta kien jobsqilha u jitfaghlha sigaretti mqabbda, ghall-ebda raguni. Kien jerfa idejh fuqha u jiggbdilha xaharha ghal xejn b'xejn. Darba taha daqqa f'rasha b'oggett iebes u kellha bzonn sitt punti. Fid-dar kien jikkmanda hu, kien dejjem jordnalha. Kien hu li ried li jkollhom tarbija ohra, u hi accettat billi hasbet li tarbija ohra kienet ser tkun ta' beneficcju ghar-relazzjoni taghhom, pero' hi rreallizzat li dan ma kienx il-kaz, billi effettivament dan kien dizastru ghaliha u r-relazzjoni ta' bejniethom marret ghall-aghar.

Hi ddikjarat li fil-Milied tas-sena 2003 kien akkuzaha li kienet 'alchoholic' u abbanduna d-dar matrimonjali. F'dak iz-zmien it-tieni tifel taghha kien ghadu tarbija ta' 8 xhur. Ghandhom tifel iehor li fis-sena 2003 kellu tlettax-il sena.meta zewgha telaq id-dar ghall-kollox. It-tifel il-kbir jismu Dean mentri iz-zghir jismu A. Ir-ragel irritorna d-dar f'xi zewg jew tlett okkazjonijiet, qabel ma telaq permanentement f'April 2003.

Wara, fis-sajf, skopriet li zewgha kellu relazzjoni ma' impjegata tieghu, Sharon Sant li kienet u ghadha tahdem bhala salesgirl f'wiehed mill-hwienet tieghu. Qabel ma skopriet din ir-relazzjoni kellha suspett li zewgha kellu relazzjoni ma' wahda mis-salesgirls pero' ma kinitx certa. Darba kien qalilha li kien sejjer Ghawdex ma' xi hbieb, dahlilha suspett, cemplet il-hanut u staqsiet ghal Sharon Sant u qalulha li ma kinitx xoghol dakinhar. Hi ghalhekk issuspettat li kienu flimkien. Cemplet lil zewgha u meta qaltlu ma cahadx. Wara dan l-incident, r-relazzjoni adultera ta' zewgha kompliet minghajr habi ta' xejn, billi zewgha u Sharon Sant marru jghixu flimkien fl-appartament tal-genituri tieghu li juzaw fis-sajf. Issostni li zewgha abbandunaha b'zewgt itfal u f'Settembru jew Ottubru it-tifel il-kbir Dean mar ma' missieru. It-tifel kien jaf lil Sharon billi spiss kien jmur fil-hanut fejn kienet tahdem hi.

F'dan iz-zmien zewgha kitbilha bl-avukat biex jisseparaw konsenswalment; zewgha kien jghix mal-habiba li kienet tqila u t-tifel ta' 13 il-sena.

Hi rrakkontat incident li meta kienet id-dar Hal Far, zewgha, ohtu u r-ragel ta' ohtu, kienu sawwtuha u hadulha t-tarbija ghal tlett ijiem.Hi tghid li tant kienet miguwha li bil-kemm setghet ticcaqlaq. Wara tlett ijiem zewgha rritornalha it-tarbija u hi kienet ghadha qed tbati mill-konsegwenzi tad-daqqiet.

Fit-2 ta' Novembru 2004, missierha kien ipparkjat barra il-hanut jistenna lil zewgha jirritorna il-minuri A, u zewgha baqa' diehel intenzjonalment fuq il-karozza ta' missierha li wegga' drieghu, spicca fl-Isptar, sarulu varji 'heart scans' u l-vettura tieghu baqghet bil-hsara. Il-minuri A kien passiggier fil-vettura ta' missieru meta sar l-incident.

Hi tghid li skopriet li zewgha kellu relazzjoni adultera ma' Sharon meta hi kienet tqila b'A. Qabel ma welldet it-tarbija Sharon ma kinitx tmur xoghol, u meta welldet marret taraha, akkumpanjata minn guvni, il-boyfriend taghha li wara skopriet li ma kienx minnu.

Hi ddikjarat li d-dhul annwali net, ta' zewgha mill-hwienet kien ta' LM60,000 fis-sena, circa, kien jiehu LM100 minn kull haunt fil-gimgha bhala l-paga tieghu.

Kellhom joint account mal-HSBC fic-Channel Islands fl-ammont ta' LSTG 50,000 li gew zbankati minn zewgha hi tghid li zewgha nefaq il-flus li kien hemm f'dan il-kont izda hi ma tafx zewgha x'uzu ghamel minn dawn il-flus.

Kellhom kont iehor joint mal-HSBC f'Russel Square, Londra, anke l-flus li kien hemm f'dan il-kont nefaqhom kollha zewgha. Hi ddikjrat li zewgha biegh hanut jismu 'Extra' bil-prezz ta' LM20,000, u hi ma rceviet xejn minn ghandu.

Hi kkonfermat li missierha kien iddonalha l-ammont ta' LSTG 20,000 li intuzaw biex inxtrat id-dar taghhom f'Hal Far. Irceviet ukoll l-istess ammont ta' LSTG 20,000 minn ghand missierha li tnefqu fil-bini ta' swimming pool fl-istess dar ta' Hal Far.

L-attrici elenkat l-ghamara li hi propjeta' parafernali taghha, dik li tippartjeni lill-komunjoni, il-kontijiet bankarji, u d-djun pendenti u pproponiet li ghas-saldu ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti lilha tigi assenjata d-dar matrimonjali flimkien ma' nofs l-ammont ta' LM 180.000 tlett snin profit mill-hwienet, u l-kumplament jigi assenjat lill-zewgha.

L-attrici, meta xehdet in kontroezami fis-seduta tal-25 ta' April 2006, mizmuma mill-Perit Legali, Fol 281 ikkonfermat li dak iz-zmien kienet ilha taf lil Paul Cutajar sentejn u nofs u kienet ilha tohrog mieghu ftit xhur. Mistoqsija jekk ir-relazzjoni taghhom hiex wahda intima u fizika hi ddikjarat li ilha tghix separata minn zewgha tlett snin u rrifjutat li tirrispondi d-domanda. Hi qablet li recentement siefret ma' Cutajar u z-zewg uliedha fl-Irlanda fid-dar ta' ommha pero' rrifjutat li tirrispondi jekk hi u Cutajar raqdux fl-istess kamra tas-sodda.

**Patrick Joseph Mooney**, missier l-attrici, fl-affidavit tieghu, Fol 94, ikkonferma li l-partijiet fl-ewwel tlett snin taz-zwieg taghhom kienu jghixu fl-Irlanda, kellhom hajja normali u gja' kellhom l-ewwel tifel Dean li twieled fl-Irlanda.

Il-problemi taghhom bdew meta gew ghixu f'Malta. X kellha problema mal-familja tieghu, li kienu jindahlu. Meta bintu kienet qed tistenna t-tieni tarbija hu

haseb li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet ser timmiljora, pero' mill-attitudni tar-ragel ta' bintu irrealizza li kellhom il-problemi. Hu jghid li kien cert li l-konvenut kien qed jara mara ohra, ghalkemm hu cahad. Jghid pero' li l-konvenut qallu li ma kienx jhobb lill-bintu.

Hu jghid li gie Malta diversi drabi u seta' jinnota li l-konvenut kien arroganti u ma kienx juri imhabba fil-konfront tal-attrici. Il-konvenut kien spiss jmur Londra biex jixtri l-istock ghall-hwienet u kien jhalli lil martu wahedha mat-tifel Dean. Bintu l-attrici kienet qed tghix taht 'strain' qawwija, u l-konvenut qatt ma kien juri affezzjoni lejha.

Wara sar jaf  il-mara li maghha l-konvenut kellu relazzjoni. Din kienet Sharon Sant. Hu jghid li l-konvenut hadha kontra tieghu personalment ghax zamm ma' bintu li kellha tghaddi minn tant esperjenza kerha. Kien jajru u jinsolentah, anke minhabba l-fatt li snin qabel kien tilef ghajn wahda u kien jaghjjru ' Captain Hook'.

F'dan iz-zmien hu kien nnota li bintu kien qed jirnexxhielha trabbi sew lill-binha iz-zghir ghalkemm kellha tbati l-abbuz kontinwu ta' zewgha.

Hu rrakkonta l-incident tat-2 ta' Novembru 2004, meta l-konvenut saq ghal fuqu meta kien qed jirritorna il-minuri A. Meta waslu il-Pulizzija kien ilu siegha shiha maqbud fid-driver's seat tal-karozza. Kien miguh kemm f'dirghajh kif ukoll f'sidru, haduh l-Isptar u sarulu tests medici. Il-konvenut hallieh maqbud fil-karozza, dahal il-hanut u ghamillu gesti oxxeni.

Hu ddikjara li ma setax jifhem dan l-atteggjament ta' Ronnie fil-konfront tieghu meta kien ghinu kemm il-darba fin-negozju tieghu u dejjem offra li jghinu.  Wara sar jaf li Sharon Sant, li kienet tahdem mieghu bhala shop assistant kienet qed tistenna tarbija minnu.

Hu kkonferma li l-ghamara prattikament kollha li kellhom il-partijiet fid-dar hu kien irregalha lill-bintu u bghat kollox f'container mill-Irlanda ghal Malta. In oltre, kien iddona lill-bintu l-ammont ta' LSTG 20,000 biex jghinha fi-xiri tad-dar u l-ammont ta' LSTG 20,000 biex tinbena s-swimming pool fid-dar ta' Hal Far.

Il-**konvenut Ronnie Y** ipprezenta l-affidavit tieghu anness ma' nota tas-16 ta' Novembru 2005,  Dok RA1 Fol 169. Hu kkonferma li zzewweg l-attrici fit-22 ta' Settembru 1990, kellhom zewgt itfal, Dean li twieled fit-30 ta' Settembru 1991 u A li twieled fid-29 ta' Marzu 2002. Huma infirdu billi hu telaq permanentement mid-dar konjugali fit-12 ta' April 2003, kien diga telaq drabi ohra izda kien irritorna. Hu jghix fl-appartament  -  omissis  -  Birzebbuga li hu propjeta' tal-genituri tieghu.

B'Digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili, t-tifel il-kbir Dean kien mar jghix mieghu u t-tifel iz-zghir, A baqa' jghix mal-omm.

Hu jghid li l-problemi matrimonjali bdew immedjatament wara z-zwieg u komplew jaggravaw waqt z-zwieg. Spjega li l-problemi li kellhom kienu kollha konsegwenza tal-vizzju tax-xorb taghha, billi skont il-konvenut hi alkoholika. Fl-ewwel hames snin taz-zwieg meta kienu ghadhom jghixu fl-Irlanda missierha kien baghatha kors ta' rihabilitazzjoni f'Home gewwa Newrly, immexxija mis-sorijiet. Wara jumejn riedet tohrog u mar ghaliha, hi kienet ippromettiet li ma tkompliex tixrob izda wara ftit regghet bdiet tixrob. Meta kienet tisker kienet issir vjolenti kemm mieghu kif ukoll ma' membri ohra tal-familja. Meta kienet tirrealiza li tkun wegghet lil xi hadd, kienet tieqaf izda wara xi xahar terga' tibda tixrob.

Hu jghid li minn dejjem kellhom din il-problema fiz-zwieg taghhom. Meta kienet tqila wafqet mix-xorb sakemm welldet, pero'bhala regola kienet taghmel gimgha jew hmistax ma tixrobx u imbaghad taghmel jumejn tixrob u fit -tielet jum torqod gurnata shiha. Meta tibda tixrob tieqaf meta tkun mitlufa. Meta tkun xurbana kollox jista' jigri, issir aggressiva, fisikament vjolenti u verbalment insolenti. Meta kienet fis-sakra giet fl-idejn ma' ommha, ma' missierha, ma' hutha u anke mieghu.

Qabel telqu mill-Irlanda biex jigu jghixu Malta, X kienet telqet bil-glied mal-familja taghha, minhabba il-problemi tax-xorb billi ma riedet tisma minn hadd. Hu dejjem kien ghinha biex tieqaf minn dan il-vizzju, kien jakkompanjaha l-Alchoholics Anonymous u jistenniha sakemm tispicca billi dak iz-zmien ma kinitx issuq. Kien anke attenda ghall-laqghat li kien jkollhom ghal-partners tal-persuni li jbghatu bil-vizzju tax-xorb. F'okkazjoni minnhom kienet marret mieghu ommha li kienet Malta ghal vakanza.

Hu ma kienx jixtri xorb u jekk jkollu xi mistieden d-dar qatt ma seta' joffri xorb alkoholiku, pero' meta kien jirritorna d-dar u jsiebha fis-sakra kien jibda jfittex fid-dar u kien isib flixken vojta tax-xorb bhal whiskey, inbid u xorb iehor. Kien isib flixken tax-xorb vojta mohbija fil-washing machine jew f'xi gwardarobba, u l-flixken li kien jsib nofshom mimlijin kien jarmihom fis-sink.

Meta l-attrici kienet tixrob kienet taghmel jumejn shah tixrob u wara taghmel jumejn bla sahha u toqghod id-dar tistrieh, u billi f'dak l-istat ma kinitx kapaci tiehu hsieb it-tfal, billi hu *self employed* kien jiehu hsiebhom hu. Minhabba il-vizzju tax-xorb taghha kien jevita hrug fil-bars u ikliet barra, u anke tigijiet kien jevithom biex hi ma tkunx esposta ghax-xorb. Fil-Milied kien jmur l-Irlanda billi hemm kellu l-ghajnuna tal-familja taghha li kienu jafu bil-problema tax-xorb li kellha.

Il-konvenut xehed li minn kull ghaxart ijiem martu kienet tkun jumejn fis-sakra, meta hu kien jigi attakkat, insulentat u preokkupat ghat-tfal. Dan kien li kisser iz-zwieg taghhom. Hu kien jghix hajtu fid-dell ta' dan il-vizzju. Ma kienx johrog, ma kienx jiltaqa' ma nies u kontinwament jiccekkja d-dar kinitx fis-sakra. Jghid li ma setax jissopporti aktar f'din il-hajja. Kien jheggeg lill-martu biex issib ghajnuna, izda din jew kienet tirrifjuta l-ezistenza tal-problema jew tibda t-terapija u ma tkompliex u terga tibda tixrob. F'Jannar 2003 hu telaq mid-dar u rritorna wara li assikuratu li kienet ser tiehu l-kura. Kien gabilha psikjatra d-dar li dahhalha l-Isptar St. James ghal 24 hours watch, hallas bejn LM400 u LM500, pero wara biss gimgha minn meta harget kien mar id-dar u sabha fis-sakra. Kien anke gabilha qassis id-dar u mieghu martu ammettiet " with me Ronnie is going through hell". Ippromettiet li tieqaf tixrob izda kompliet.

Meta dehru fis-Sekond Awla tal-Qorti Civili martu kienet vizzibilment xurbana u aggressiva u fl-istess digriet gie ordnat li kellha ssegwi kors kontra l-alkoholizmu. Kemm ilu li telaq mid-dar hi baqghet tghix l-istess hajja, jumejn fis-sakra u l-jumejn ta' wara mitluqa. L-unika konnessjoni li ghandhom hi l-access tal-minuri A. Fis-sena 2004 ghamel 6 xhur ma jarahx lil-minuri u kien biss il-biza ta' prigunerija li kkonvinca lill-attrici li tobdi d-digriet tal-Qorti dwar l-access tal-missier.

Fis-sena 2003 meta kien rritornalha t-tifel A lill-attrici wara l-access kien sabha fis-sakra u ried jiehu lit-tfal mieghu billi hi ma kinitx fi stat li tiehu hsiebhom. Hi rresistiet bil-vjolenza, saret kawza kriminali u s-Surgent Buttigieg kien xehed li dakinhar l-attrici kienet taht l-effett tal-alkohol.

Kien hemm diversi okkazjonijiet meta it-tifel Dean kien jcempillha u tkun fis-sakra, hu kien jcempel ukoll biex jivverifika u dejjem kien jirrizultalu li kienet tkun fis-sakra. Dean kien jkun prezenti ghax-xenati ta' meta kienet tkun fis-sakra, tant li ma baqax jgib il-hbieb id-dar ghax kien jisthi mill-komportament taghha.

Il-konvenut iddikjara li f'nofs is-sena 2002 martu kienet ammettiet mieghu li kellha relazzjoni ma' Joseph Bartolo. Hu kien jissuspetta dwar dan billi kien jara xi kunfidenzi bejniethom. Hu kien siefer ghal gimgha u kien staqsa lil Joseph Bartolo u martu Tanya, li kienu hbieb kbar taghhom, biex joqghodu attenti ghaliha biex ma tixrobx. Joseph Bartolo cahad din l-allegazzjoni u l-attrici insistiet li dan kien ha vantagg minnha meta kienet xurbana.

Hu jghid li martu kienet tiggustifika kollox ghax kienet tkun fis-sakra, haga li hu ma setax jaccetta. Dan l-incident kompla jhassar r-relazzjoni taghhom, tant li ddikjara li " tbieghed minnha kwazi ghal kollox" u ftit xhur wara telaq mid-dar u mar jghix ghand ohtu ghal xahar, dan kien f'Jannar 2003. Kien f'dan iz-zmien, li

ltaqa' u beda relazzjoni ma' Sharon Castaldi, impjegata fil-hanut tieghu, pero' ftit granet wara, jghid li spicca minn maghha biex mar lura d-dar. Ma regax hareg ma' Sharon sa Mejju 2003, wara li kien hareg mid-dar. Hu kkonferma li jghix maghha u ghandhom tarbija.

Fit-13 ta' April 2003 mar d-dar ghal-habta tas-1.30pm u sab lill-martu fis-sakra, u biex jevita l-inkwiet kien ser jerga johrog mid-dar, pero' hi saret vjolenti u wadbitlu l-gebel fid-direzzjoni tieghu u tal-van, u minn dakinhar telaq mid-dar definitivament u lanqas ma mar biex jiehu hwejjgu personali.

Il-konvenut jiddikjara li jixtieq li l-kura u l-kustodja taz-zewg ulied tigi fdata lilu billi meta martu tkun fis-sakra, issir persuna kompletament differenti, issir aggressiva u vjolenti u ma tistax tigi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri, A.

Hu kkonferma li kien jkun kuntent li A jitrabba ma' ommu, li kieku din ma kinitx tixrob. Iddikjara li d-dar matrimonjali tiswa LM300,000, u li din ghandha tinbiegh, jithallsu d-djun, LM31,000 il-Bank, HSBC Bank Malta plc; LM30,000 missieru u LM20,000 missierha, u r-rikavat jinqasam bejniethom. Jghid li l-oggetti mobbli li jinsabu d-dar kollha inxtraw waqt iz-zwieg, inkluz il-vettura Seat Cordoba FEL002 li fuqha hemm dejn ta' LM3,000. Ikkonkluda l-affidavit tieghu billi kkummenta fid-dettal dwar s-socjetajiet kummercjali G & R Limited u Strings Limited.

Fit-tieni affidavit tieghu, Fol 181, l-konvenut 'inter alia' jiddikjara:

"Jiena bdejt ir-relazzjoni mat-terza persuna imsemmija fl-affidavit ta' marti wara li kont tlaqt mid-dar u nghid li r-relazzjoni tieghi ma' din il-persuna ma kinitx il-kawza tat-tifrik taz-zwieg tieghi".

Fit-tielet affidavit tieghu, Fol 183, l-konvenut ikkontesta dak dikjarat minn missier l-attrici, fl-affidavit tieghu, li l-inkwiet bejniethom beda meta gew Malta, billi meta kienu ghadhom jghixu l-Irlanda l-attrici kienet gia' tbati bil-vizzju tax-xorb u l-familjari taghha kienu jafu, partikolarment missierha li kien baghtha go istitut tas-sorijiet ghall-kors ta' rijabilitazzjoni mill-alkolizmu.

Hu cahad li kien f'relazzjoni ma' terza persuna meta martu kienet tqila bit-tieni wild taghhom. Hu jinsisti li din r-relazzjoni bdiet meta hu telaq mid-dar matrimonjali meta binhom kien gia' ghalaq sena. Missierha kien jafdah tant li tah prokura biex jixtri appartament f'Portomaso, u kien jafdah b'ammonti kbar ta' flus. Hu cahad li qatt ghajjar lil missierha 'Captain Cook' u dwar il-kollizzjoni ddikjara li din ma kinitx intenzjonali, l-vetturi ma caqlaqhomx biex il-Pulizija isibuhom fil-posizzjoni tal-habta. Il-brake marks tal-vettura minnu misjuqa

kkonfermaw li hu pprova jevita l-habta u ma ttiehdu l-ebda proceduri kriminali kontrih.

Il-konvenut, b'nota ipprezentata fit-13 ta' Lulju 2012, Fol 622 ipprezenta kopja ta'sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar tal-4 ta' Marzu 2010 fejn hu gie kkundannat ihallas lill-Maltacom plc ghal sevizzi telefonici l-ammont ta' Euro 3,461.26, u 'inter alia' ddikjara li l-attrici telqget minn Malta u marret fl-Irlanda fil-Milied tat-2011 u ma rritornatx lura Malta.

Il-konvenut rega' xehed fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2013, Fol 965 et seq. Mistoqsi jekk recentement kienx hemm okkazjonijiet meta kienet xurbana in vista tal-fatt li r-rapprezentanti tas-Sedqa ikkonfermat li l-attrici ma kinitx 'a heavy drinker', irrisponda fl-affermattiv u specifika d-data 20 ta' Awwissu (2013). Dakinhar kellu numru ta' missed calls minn ghandha, meta regghet cemplet irrisponda u rrizultalu li mhux biss kienet fis-sakra izda 'out of it' tant li qalilha biex tmur fis-sodda. Hu ezebixxa CD b' recording tat-telefonata li gie mmarkat SCDR. Il-missed calls kienu kollha bil-lejl, dik li rrisponda kienet kmieni fil-ghodu. It-tifel dakinhar kien mieghu. Hu kkonferma li fl-ahhar zewg jew tlett gimghat ghamel rapport li hi naqset li tigbor it-tifel jew li tghaddihulu. Hi kienet qed tinsisti li jibqghu fuq il-ftiehem tas-sajf, izda meta t-tifel jkollu l-iskola ,dan ma jaghmilx sens billi ma jkollhux l-uniformi u l-kotba tal-iskola li jkunu ghand ommu. Hu kkonferma li rrivertew ghad-digriet originali. In kontroezami ddikjara li ma setax jeskludi li xi darba kien fis-sakra, pero'rarament, hu jixrob meta jkun f'xi party, id-dar ma jixrobx. Hu ammetta, Fol 970, li Sharon ilha l-partner tieghu ghal hdax il-sena. Dwar r-ritratti li gew ipprezentati mill-legali tal-attrici, hu kkonferma li dan kien party tal-familja, meta z-zija tal-partner tieghu giet lura mill-Amerika. Dwar il-messagg fuq il-mobile phone, li kien jghid li hu mhux il-babysitter taghha, ikkummenta li dan jrid jinqara fil-kuntest tal-incident meta l-attrici, haditlu t-tifel billi hi kienet sejra ghal jumejn fl-Irlanda, izda flok jumejn damet ghaxar tijiem.

**Doris Spiteri**, oht l-konvenut, fl-affidavit taghha, Fol 185, ddikjarat li ndunat li l-attrici kellha il-vizzju tax-xorb mill-bidu taz-zwieg. Huma kienu zzewwgu fl-Irlanda u ghamlu l-ewwel hames snin jghixu hemm u kienu jigu Malta ghall-vaganzi. Hi kienet f'diversi okkazjonijiet izzomm lit-tifel Dean li dak iz-zmien kien ghadu tarbija, u meta kienet tirritornalha t-tifel kienet tinduna li tkun fis-sakra, tant li kien hemm okkazjonijiet meta regghet hadet lit-tifel lura f'darha partikolarment meta huha ,il-konvenut kien jkun msiefer fuq xoghol.

Hemm hanut tax-xorb hdejn il-post taghha tal-villeggjatura u s-sid tal-hanut darba qalilha kemm tixtri inbid l-mara ta' huha, kumment li ghaliha kien imbarrazzanti hafna. Meta qalet lill-attrici b'dan , hi rrispondiet li ma tixtrix izjed minn ghandu. Fl-okkazjonijiet tal-familja l-attrici kienet dejjem taghmel il-kumidji u tispicca fis-

sakra. Meta ippruvat tifthielha ghajnejha dwar dan il-vizzju qaltilha biex ma tindahalx.

Darba t-tifel Dean li dak iz-zmien kellu hdax-il sena stieden habib tieghu d-dar biex jqattghu il-weekend id-dar izda missieru ha lit-tifel u l-habib tieghu ghandha billi X kienet fis-sakra. Anke meta kienet tistieden lilha u lil ohtha ghall-kafe', fil-mug taghha flok kaffe' kien jkollha inbid.

Darba ohra sabet lil X fl-art b'zewg flixken inbid vojta hdejha, hi qabdet lil Dean, lit-tifel taghha u ta' ohtha, tellghathom fuq u baqghet hdejha sakemm wara ftit raqdet.

F'okkazjoni ohra marret ghandha ghal habta tal-5 pm u ma fethitilhiex, pero' semghet lit-tifel iz-zghir jikbi. Marret ccempel lil huha mill-hanut tieghu fiz-Zurrieq, marru hi u ohtha Jessie ma' Ronnie u sabuha rieqda fuq is-sufan u t-tifel jikbi li dak iz-zmien kellu xi disa' xhur. Wara dan l-episodju, Ronnie kien baghatha l-Isptar St James fuq parir tal-psikjatra.

Hi kkonfermat li l-aktar li kienu jiltaqghu meta l-irgiel taghhom kienu jkunu msiefrin flimkien fuq xoghol. Darba inzerta il-birthday taghha u X riedet torganizzalha festin id-dar. Peress li taf bil-problema ta'X, kellha flixkun whiskey pero' hadd ma xorob l-anqas X li raqdet ghandha. F'nofs ta' lejl sabet lil X fis-sakra u isfel sabet il-flixkun vojt. Wasslitha sad-dar taghha u meta marret ix-xoghol sabet bukkett fjuri minn ghand X li skuzat ruhha maghha.

Hi rrakkontat l-incident meta hi u Ronnie kienu gew akkuzati kriminalment u gew liberati billi l-Pulizija kien xehed li meta marret taghmel r-rapport kienet fis-sakra. L-incident kien meta Dean mar lura ghandha sabha fis-sakra, missieru ried jiehu iz-zewg itfal billi kienet fis-sakra u gew fl-idejn.

Hi kkonfermat li x-xorb kien l-unika problema fiz-zwieg taghhom, billi meta X kienet tkun f'sikktha kienet mara ezemplari. Meta huha Ronnie telaq mid-dar kien mar jghix ghandha ghal xi zmien. Anke sitt snin qabel kien ser jibda proceduri ta' separazzjoni minhabba il-vizzju tax-xorb taghha, pero' ma kompliex biex jaghtiha opportunita' ohra. Il-genituri ta' X kienu qalu lill-genituri taghha, fil-presenza taghha li kien difficili ghal X li tieqaf tixrob billi kienet ilha tixrob minn mindu kellha erbatax il-sena.

Il-**Perit Tekniku Mario Cassar**, fir-relazzjoni tieghu mahlufa fis-6 ta' Dicembru 2005, Fol 199 et seq ikkonkluda li id-dar matrimonjali mhiex komodament divizzibbli u flimkien mal-art adjacenti ghandha valur ta' circa LM320,000.

**Tereza Y**, omm il-konvenut, fl-affidavit taghha, Fol 230, ikkonfermat li hi u l-mejjet zewgha, Joseph Y kienu taw xi flus lil binhom kemm biex giet iffurmata il-kumpanija G & R limited kif ukoll biex inxtrat id-dar li tinsab f'Hal-Far. Hi ddikjarat li hi u zewgha ghall-habta tas-sena 1999, silfu lill-partijiet l-ammont ta' LM30,000 biex jkunu jistghu jixtru d-dar u dan l-ammont kien ghadu dovut meta xehdet. Fin-1994 giet iffurmata il-kumpanija G & R Limited bejn uliedha Godfrey u H, li dak iz-zmien kien ghadu jghix l-Irlanda ma' X. Il-kapital harguh Godfrey, u zewgha li hallas ghal sehem Ronnie, bl-intiza li meta Ronnie jirritorna Malta jixtri sehem Godfrey. Hi kkonfermat li lil Godfrey hallsu sehemu, pero' ghadu dovut lilha l-ammont ta' circa LM20,000 l-ammont li originarjament kienu hallsu hi u zewgha.

Hi ddikjarat li lit-tfal kollha taghhom ghinuhom finanzjarjament biex jifthu negozju ghar- rashom.

**Anna Gauci**, fl-affidavit taghha, Fol 231, ddikjarat li hi u zewgha , Joseph, ilhom snin twal jafu lill-familja ta' Ronnie, billi l-genituri ta' Ronnie u ta' zewgha huma t-tnejn min Hal-Ghaxaq. Hi saret taf lil X, mart Ronnie, meta dawn marru jghixu f'appartament fil-Qajjenza li hu sovrastanti hanut propjeta' taghha. Dan kien ghall-habta tas-sena 1996. Billi welliet l-hanut u ma baqghetx tahdem, X kienet staqsietha biex toqodilha bhala nanny mat-tifel Dean li dak iz-zmien kellu xi hames snin. Hi accettat u kienet tiehu hsieb it-tifel meta Ronnie kien isiefer fuq xoghol u X kienet tahdem fil-hanut taghhom.

Kienet tiehu lit-tifel il-Muzew u tghinu biex jaghmel il-homework. Fil-bidu kienet tmur id-dar taghhom, pero'wara bdiet tiehu lit-tifel id-dar taghha billi fis-sajf u fil-vakanzi X kienet tixrob l-inbid u t-tifel kien icemplilha biex tmur ghalih minn kmieni.

Darba X kienet allegat, li zewgha Joseph kien missilha xi flus mid-dar peress li hi kellha c-cavetta. Zewgha kellu jmur id-Depot, hadhulu il-fingerprints izda ma irrizulta xejn kontra tieghu. Hi ghalhekk iddecidiet li ma tersaqx izjed lejn darhom u lit-tifel bdiet tiehu hsiebu minn darha. Hi ma zammitx izjed ic-cavetta tad-dar taghhom u ghalkemm X kienet immalafamat lil zewgha hi xorta baqghet tiehu hsieb it-tifel meta Ronnie kien jsiefer, anke billi saret thobbu hafna, u kien sar qisu binha. Kienet tinkwieta ghalih meta kien icemplilha jghidilha li ma riedx jibqa' aktar d-dar billi ommu tkun fis-sakra. X kien wara ddispjaciha li akkuzat lil zewgha intortament u kienet iccempel biex tiskuza ruhha.

It-tifel Dean kemm-il darba kien jibqa' jorqod ghandha u ma jmurx lura id-dar meta missieru kien ikun imsiefer. Darba ltaqghet ma' persuna li qaltilha li X kienet tkun tixrob fic-Cherries Pub, Birzebbuga, pero' X dan cahditu.

Meta kienet tmur id-dar taghhom, it-tifel kien juriha flixken vojta tax-xorb mohbijin f'cupboard fil-kamra ta' Dean, pero' lil Ronnie qatt ma qaltlu xejn ghax ma rieditx taqla' l-inkwiet bejniethom. Qabel ma bdiet tiehu hsieb it-tifel, u kienet ghadha tiggestixxi il-hanut ta' snack bar u take away, impjegat taghha kien ltaqa' ma' X, fic-Cherries Pub Birzebbuga u tant kienet fis-sakra li ddecieda li jwassalha id-dar billi kien jaf li toqghod fl-appartament fuq il-hanut. Tant kienet fis-sakra li l-anqas gharfitha. Lil Ronnie ma qaltlu xejn biex ma taqlax inkwiet, pero' ratu fil-gallarija jistenniha.

Darba missier Ronnie staqsiha taghamillu pjacir tmur thabbat id-dar ta' X billi ma kinitx qed tirrispondi t-telephone u hu ried jmur ghat-tifel biex jiehdu l-iskola. Marret thabbtilha il-bieb qaltilha li kien hemm missier Ronnie barra jistenna lit-tifel u hi dahlet tigri 'l gewwa tnehhi il-flixken vojta tax-xorb u remithom fiz-zibel. Meta t-tifel kien ser jaghmel il-pracett kien qalilha li ommu kienet ser tibda tattendi lezzjonijiet biex ma tibqax tixrob, kors ta' rijabilitazzjoni.

**Dean Y**, bin il-partijiet, fl-affidavit tieghu, Fol 257, ikkonferma li hu t-tifel il-kbir tal-partijiet. Dak iz-zmien kien jghix ma' missieru fl-appartament f'Bizebbuga, filwaqt li A dak iz-zmien kien jghix mal-omm fid-dar taghhom iz-Zurrieq. Dak iz-zmien kien jara lil ommu skont kif jiftehmu.

Xehed li jhossu skomdu jmur jara lil ommu, billi hi dipendenti fuq ix-xorb; ilha tixrob is-snin u tixrob hafna. Raha fis-sakra diversi drabi, kemm meta kien ghadu zghir kif ukoll issa li qed jikber. Gieli iccempillha biex jmur jaraha u min fuq it-telephone jinduna li tkun fis-sakra. Hu ddikjara li jirrifjuta li jmur jaraha meta jinduna li tkun fis-sakra meta jcempillha. Il-fatt li ommu tixrob hafna jdejqu u jinkwetah billi jibza li jekk tohrog issuq jista' jkollha incident. Jibza' joqghod maghha meta tkun fis-sakra, billi jiftakar li meta kien jghix fid-dar iz-Zurrieq, kienet twaddab u tkisser affarjiet fid-dar bhal tazzi u platti.

Kien jisthi jistaqsi lill-hbieb biex jmorru id-dar tieghu, kien jibza li jmorru u ommu tkun fis-sakra. Jiftakar li darba tant kienet xorbot li waqqghet lil A li dak iz-zmien kellu biss madwar tlett xhur. Meta kienet tkun fis-sakra ma kienx joqghod maghha, kien jew jmur fil-kamra tieghu jew joqghod jara t-television wahdu. Hu ghalhekk kuntent jghix ma missieru u mhux ma ommu. Fil-post ta' missieru ghandu computer, dvds, playstation ecc u dejjem isib x'jaghmel mentri id-dar ta' ommu ma ghandu xejn u jsib ruhhu ma ghandux x'jaghmel u jiddejjaq. Hu kkonferma li ma' missieru qed jghix f'ambjent seren u organizzat, u kull ma ghandu bzonn jaghtihulu missieru. Hu xorta wahda baqa' jara lill-huh A kemm meta hu jmur ghand l-omm kif ukoll meta A jmur ghand il-missier.

Hu ddikjara li xi ghaxar xhur qabel meta kien ghand ommu hi introducietu ma' certu Paul Cutajar, habib taghha. Dan gieli hareg maghhom u gieli wassal lilu lura id-dar ta' missieru, kif ukoll lil A fil-karozza tieghu.

Il-konvenut b'nota tal-5 ta' Gunju 2008, Fol 359, ipprezentata fit-termini tad-digriet tas-27 ta' Mejju 2008, il-*Financial Statements* tas-socjetajiet kummercjali tan-negozju minnu gestit, *Memorandum and Articles* tal-istess kumpaniji, kif ukoll il-kuntratti ta' kiri tal-hwienet.

**Dottor Mary Muscat, l-Avukat tat-Tfal**, fir-Rapport taghha, pprezentat fil-31 ta' Mejju 2011, Fol 555, rrakkomandat li l-minuri A ghandu jghix hieles mill-esperjenza li jara lil ommu fis-sakra, u sakemm l-omm tirriabilita ruhha mill-vizzju tax-xorb il-minuri jkun jista' jafda fuq il-kenn u protezzjoni li joffrielu missieru.

**Il-Perit Komputista Lawrence Camilleri**, fir-rapport tieghu pprezentat fis-7 ta' Ottubru 2009, Fol 607 kkonkluda li l-valur tas-socjeta' **Strings Limited** hu ta' Euro18,000 u tas-socjeta' **G & R Limited** hu ta' Euro29,328.

Fil-verbal registrat fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2012, Fol 646, jirrizulta li l-attrici kienet prezenti assistita mill-konsulent legali taghha.

L-attrici, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013, Fol 766, xehdet dwar ir-ritratti markati Dok AR1 sa AR10, Fol 789 sa Fol 793. Hi kkonfermat li r-ritratti ngibdu fid-dar taghha, xi hames snin qabel meta it-tifel li ghandu 11 il-sena kellu 6 jew 7 snin. Ir-rilevanza tad-domandi kienet specifikatament relatata mal-fatt li l-minuri A kien jghix maghha. Ripetutament mistoqsija kinitx fis-sakra meta ittiehdu dawn ir-ritratti, hi insistiet li ma kinitx u li kienu ritratti ma' hbieb taghha. Gie lilha rilevat mill-Qorti li dak li kien qed jigi ttrattat ma kienx tant l-komportament taghha izda kemm dan seta' jincidi, b'mod posittiv jew negattiv fuq il-minuri.

Hi insistiet li t-tifel ma kienx prezenti, u li kienu qed jiccajtaw bejn il-hbieb.

Hi amettiet li certu Abraham, li jidher fir-ritratti kien ghamel xi zmien partner taghha. Hi ammettiet ukoll li ir-ragel li jidher fir-ritratti SC27, 28 u 29 ghamlet tlett xhur tohrog mieghu. Dan kien ghall-habta tas-sena 2008 u 2009 meta t-tifel kien maghha.

Il-**PS 827 Edward Grech**, xehed fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2013, Fol 808 et seq. Hu kkonferma li kien stazzjonat iz-Zurrieq u Birzebbuga u li jaf lill-partijiet. Hu xehed partikolarment dwar r-rapport li ghamel ir-ragel fl-10 ta' Mejju 2011 fl-Ghassa tal-Pulizija iz-Zejtun li rrapporta li martu ma kinitx qed tirrispondi il-mobile u li ma kienx jaf fejn kienet. Ir-ragel kien mar biex jirritorna t-tifel, A ta' 8

snin, ghand ommu f'Hal Far, izda din ma fethitx. Wara rrizulta li l-karozza taghha Volkswagen maroon instabet ipparkjata hdejn il-Caribbean Club, f'Hal Far, il-karozza kienet miftuha pero' ma kien hemm xejn irregolari. Saret tfittxija fir-residenza taghha, billi l-bieb ta' wara tal-gnien thalla miftuh pero' ma nstab xejn irregolari. Il-mara intabet fil-11 ta' Mejju 2011 fil-21.25, skont ir-rapport ta' WPS 219. Lill-Pulizija l-mara qaltilhom li telqet mid-dar ghax kienet mbezza, u marret Ghawdex biex tistrih.

**Ingrid Vassallo**, xehdet fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2013, Fol 816. Hi kienet qed taghmel l-monitoring tal-home visits. Il-minuri A kkonfermalha li kien aktar kuntent bl-arrangament il-gdid billi qed iqatta' aktar hin ma ommu. Hu ma kienx kuntent li fil-hin li suppost jkun ma' missieru, jkollu joqghod ma' Aunty Jessie li tigi oht missieru. Kien hemm okkazjoni meta kellu jorqod ghandha u ma setax jorqod tant li bil-lejl ipprova jcempel lill-Appogg. It-tifel jixtieq jmur lura l-Irlanda ma' ommu.

B'Digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' April 2013, Fol 823, gie emendat id-digriet precedenti tas-6 ta' Marzu 2013 fis-sens li l-missier hu prekluz li jiehu lit-tifel fuq il-post tax-xoghol tieghu, u li jekk ma jkunx jista' jitlaq mix-xoghol meta it-tifel jkun mieghu, ghandu jirritorna lit-tifel ghand ommu.

In vista tan-nota tal-Agenzija Appogg tas-6 ta' Mejju 2013 u dik tal-konvenut tas-7 ta' Mejju 2013, b'digriet tat-8 ta' Mejju 2013, Fol 857 a tergo, din il-Qorti ordnat li l-Agenzija Appogg, minn dakinhar 'l quddiem giet awtorizzata taccedi ghand l-attrici minghajr preavviz, biex jigi vverifikat l-istat fiziku taghha u jekk dan jistax jkun ta' pregiudizzju ghall-minuri, u li jekk l-attrici tirrifjuta kull komunikazzjoni tintalab l-assistenza tal-Pulizija, jigi rintraccat u ritornat il-minuri lill-missier u li l-kaz jigi rapportat lill-Qorti.

Il-**PS 966 Recee Desira**, li xehdet fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2013, Fol 928, ikkonfermat li H fit-13 ta' Mejju 2013 irrapporta l-Ghassa li martu X, ma marritx ghat-tifel li kellha tigbor fis-6pm. Hi cemplitilha u indunat li kienet fis-sakra. Marret tfittxha fil-fond 3 Triq St Edward, Birzebbuga u qaltilha li meta marret fis-6pm ma kien hemm hadd. Meta kellmitha setghet ixxomm ir-riha ta' alchohol, ma kinitx qed titkellem car u ma kellhiex kontroll ta' gisimha. Hi kienet akkompanjata mill-PC829 Alan Dougall. Hi dahlet fid-dar taghha, staqsietha jekk kinitx xorbot billi kien hemm riha ta' xorb u ammettiet maghha li xorbot vodka u marret ghat-tifel u irrimproveratha billi saqet mill-Qajjenza biex tmur ghat-tifel. Hi cahdet li taf lill-konvenut personalment.

**Ingrid Vassallo, Social Worker**, xehdet fl-istess seduta, Fol 937 et seq. Hi kkonfermat illi s-Sibt 15 ta' Gunju, Ronnie Y cempel lill-Agenzija Appogg biex jirrapporta li kellu suspett li X Y kienet qed tixrob, u kien sar l-hin biex jiehu lill-

minuri A ghand ommu ghall-access. Hi ghalhekk marret ma A ghand ommu minghajr l-ebda preavviz u rrizultalha li X ma kinitx f'sikitha, ma kinitx tiftiehem meta titkellem u fid-dar kien hemm indikazzjonijiet li kienet qed tixrob. Hi ssusspettat li kienet rieqda u qamet meta A habbat mal-bieb. Dan kien xi l-5 jew s-6pm. Hi kienet qed tilmenta li kien jhossha storduta, u meta x-xhud issugeritilha li tmur ghand tabib qaltilha li kienet qed tiehu painkillers qawwijin, kienet tibza mill-injezzjonijiet u ma rieditx taghmel aktar blood tests. Hi kkonfermat li f'okkazjonijiet ohra jew ma kinitx tirrispondi l-mobile jew ma tikkoperax, xi drabi kienet tinsulthom fuq it-telephone. Hi kkonfermat li f'dawn l-ahhar gimghat X kienet qed tattendi  is-Sedqa.

**X Lazze, Social Worker**, xehdet fl-istess seduta, Fol 942. Hi kkonfermat li X Y kienet ikkuntattat l-Agenzija f'Lulju u billi kellha issiefer, sar appuntament f'Awissu. Meta kienet tmur ghas-sessjonijiet ma kinitx tkun taht l-influenza tax-xorb u ghamlet blood test u rrizulta li l-liver function taghha kien tajjeb, cioe' konferma li ghall-ahhar hames jew  sitt xhur ma kinitx qed tixrob. Hi kkonfermat li t-test ma jeskludiex il-fatt li persuna tkun tixrob b'mod moderat meta r-rizultat jindika 'a normal range', pero' t-test jikkonferma jekk persuna jkollha problema ta' alchohol. Biex persuna tisker b'drink wiehed, li mhux normali, dak iffisser li l-fwiet jkun f'kundizzjoni hazina minhabba xorb eccessiv fil-passat. Hi kellha sitt sessjonijiet mal-attrici, hu kkonfermat li f'dawn il-laqghat l-attrici qatt ma kienet fis-sakra. Hi ssegwi l-progress tal-kazijiet lilha assenjati billi ccempel lill-'klijenti' darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha u fil-kaz ta' X kull darba li cemplitilha qatt ma deherilha li kienet fis-sakra. Hi kkummentat li X tixrob bhala social drinker cioe' tixrob ammonti mhux fil-kwantita' li tixrob persuna alkoholika. Hi ddikjarat li ma setghatx teskludi li fl-ahhar hames xhur ma kinitx tixrob, pero' kieku xorbot b'mod eccessiv dan jkun jidher mill-blood test. Fil-kaz taghha r-rizultati kienu juru ranges on the lower side u dan jindika li ma kinitx qed tixrob.

**Joseph Picco**, xehed ukoll fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2013, Fol 959 et seq. Hu kkonferma li hu il-president tal-Malta Labour Party Club ta' Hal Ghaxaq u jaf lill-konvenut Ronnie Y billi dan jiggestixxi l-bar tal-club,mis-sena 2010. Hu kkonferma li ma jafx xi dhul ghandu l-konvenut minn dan il-bar.

**Dottor Aaron Zammit Apap**, Fol 961, ikkonferma li l-konvenut rceva bhala commissions mill-Maltco Lotteries l-ammont ta' Euro 118,742.08 ghall-perjodu 5 ta' Lulju 2004 sat-30 ta' Settembru 2013. Hu ezebixxa statement, DokAZ1 Fol 986 li jindika l-hlasijiet li saru kull sena.

L-attrici xehdet in kontroezami fis-seduta tas-16 ta'Ottubru 2013 Fol 975. Hi kkonfermat li fir-recording hi kienet qed titkellem, u li cemplet diversi drabi l-lejl precedenti. Hi cahdet li kienet fis-sakra pero' taht l-effett tas-sleeping tablets billi ma tistx torqod, hi xebghat b'dawn il-kwistjonijiet li ilhom 12 il-sena. Mistoqsija

kinitx fi stat normali ta' sahha, irrispondiet fin-negattiv billi hi 'stressed out'. Hi xebghat b' dawn il-proceduri u ddikjarat li anke t-tifel il-kbir taghha xebba', tant li mar l-Irlanda mal-girlfriend biex jibda hajja gdida hemmhekk. Hi ammettiet li zbaljat meta ma talbitx lill-Pulizija l-assistenza biex tiehu lit-tifel billi suppost kien maghha. Hi pprotestat li tmur tirrapporta sigwiet pero' hu jaf lill-Pulizija kollha, kemm dawk stazzjonati Birzebbuga, kif ukoll dawk stazzjonati Ghaxaq u Zejtun.

B'Digriet tat-23 ta' Dicembru 2013, Fol 995 a tergo, din l-Qorti ssospendiet l-access tal-omm ghall-minuri A, wara li rat in-nota tal-Agenzija Appogg tas-16 ta' Dicembru, 2013, b'konferma li fil-11 ta' Dicembru 2013, l-omm ma kinitx f'kundizzjoni li tiehu kura tat-tifel billi kienet taht l-influwenza tax-xorb jew drogi u billi kien hemm suspett tal-presenza ta' ragel fid-dar, is-Social Worker hadet lill-minuri lura ghand missieru.

B'Digriet tas-6 ta' Frar 2014, Fol 1006, billi l-attrici kienet ser tkun Malta bejn il-11 u l-15 ta' Frar 2014, l-Qorti awtorizzat access mill-omm ghat-tifel taht supervizzjoni f'dawk il-granet bejn l-4pm u s-6pm fl-ufficju tal-Agenzija Appogg f'Gwardamangia.

**Il-Perit Legali l-Avukat Dottor Christine Bellizzi**, pprezentat ir-relazzjoni taghha fid-19 ta' Frar 2016, Fol 2358 et seq. Hi waslet ghall-konkluzjonijiet segwenti:

1. L-attrici ghandha titqies unikament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg billi l-vizzju taghha tax-xorb, irrenda l-hajja konjugali insopportabbli.
2. L-allegazzjonijiet recipcoci tal-partijiet tal-adulterju ma jirrizultawx ippruvati.
3. Il-kura u l-kustodja tal-minuri A ghandha tigi fdata f'idejn il-konvenut missieru, u l-access tal-attrici ghall-minuri ghandu jibqa taht supervizjoni, kemm jekk ezercitat f'Malta, kif ukoll fl-Irlanda, u l-istat tal-attrici ghandu jigi vverifikat qabel tibda s-sessjoni tal-access.
4. Iz-zewg partijiet ddekadew mid-dritt li jitolbu u jew jircievu manteniment minn xulxin.
5. L-attrici ghandha thallas lill-konvenut manteniment ghall-minuri A, l-ammont ta' Euro 275 fix-xahar li jinkludi l-kontribuzzjoni taghha ghall-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri.
6. Id-dar matrimonjali St. Catherine's Farmhouse, Hal-Far Road, Zurrieq inbieghet lill-terzi fil-pendenza tal-kawza. Rigward l-ghamara li tinsab f'Therdor Flats, Flat 2, Triq l-Ghannejja, Birzebbuga ta' valur ta' Euro 5008, il-konvenut jaqbel li ghandu jhallas nofs il-valur tal-istess lill-attrici, cioe' l-ammont ta' **Euro2,504.**

7. L-ishma ta’ **Strings Enterprises Limited** appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti huma 3,500, valur ta’ Euro 13.91 kull sehem, bil-valur komplessiv ta’ Euro 48,685. Dawn ghandhom jigu assenjati lill-konvenut li ghandu jhallas lill-attrici sehemha l-ammont ta’ **Euro 24,342.50.** Il-komunjoni tal-akkwisti ghandha kreditu favur taghha, kontra din s-socjeta’ fl-ammont ta’ **Euro 47,195.23** u jekk il-kumpanija thallas dan id-dejn r-rikavat ghandu **jinqasam ugwalment bejn il-partijiet**.

8. Dwar is-socjeta’ **G & R Limited**, il-kreditu ta’ Euro 30,805.19 li ghadu dovut mill-Kumpanija lill-komunjoni tal-akkwisti ghandu jithallas fl-intier tieghu lill-konvenut, billi dan l-ammont li s-socjeta’ kellha taghti lill-HSBC Bank plc thallas minn sehem il-konvenut mir-rikavat tal-biegh tad-dar. L-2000 sehem appartenenti lill-komunjoni ghandhom jigu assenjati lill-konvenut, li ghandu jhallas lill-attrici, nofs il-valur taghhom cioe’ **Euro21,170.**

9. **Il-vettura Seat Cordoba FEL 002** ghandha tigi assenjata lill-attrici peress li kienet fil-pussess taghha li ghandha tibqa eskusivament responsabbli ghal kwalunkwe multi jew arretrati tal-licenzji minhabba in-nuqqas jew d-dewmien taghha biex tirritorna il-pjanci ta’ registrazzjoni.

10. **Dwar kontijiet bankarji kull parti ghandha tigi assenjata il-kontijiet kollha intestati f’isem dik l-parti.** Fil waqt li l-kontijiet ta’ self f’ismijiet kongunti qed jigi presunt li nghalqu, dwar il-kont fil-bank esteru, jekk jirrizulta li ghad hemm xi bilanc, dan ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

11. L-**attrici ghandha tirrifondi lill-konvenut** l-ammont ta’ **Euro 13,432.50** rapprezentanti il-parti tal-kontijiet tad-dawl, ilma u licenzja tas-swimming pool, li thallsu mill-konvenut minn sehemu mir-rikavat tal-biegh tad-dar matrimonjali ghall-perjodu wara li l-konvenut kien telaq mid-dar matrimonjali.

Il-konvenut, fin-nota ta’ kritika ghar-rapport peritali, pprezentata fis-26 ta’ Lulju 2016, Fol 2400 et seq, jissottometti li l-attrici, peress li tghix fl-Irlanda ghandha tigi ordnata thallas manteniment ghall-minuri pagament ‘lump sum’; li ghandu dritt jithallas nofs il-valur tal-vettura li giet stmata li tiswa Euro 5,000 mill-perit tekniku Vincent Ciliberti; li ghandu jithallas nofs il-valur tal-ghamara, cioe Euro 49,161- Euro 5,000, valur tal-vettura= Euro 44,161 n-nofs ta’ cioe’ Euro 22,080.

Dwar s-socjeta’ G & R Limited issottometta li l-ammont ta’ LM20000 ghadu dovut lill-genituri tieghu; li l-perit legali naqset li tikkonsidra li l-attrici kellha l-ewwel thallas sehemha cioe’ Euro 15,863.50 mid-dejn li l-komunjoni tal-akkwisti kellha mall-imsemija kumpanija u ghalhekk il-konvenut jrid jhallas lill-attrici Euro 5,307 ( Euro 21,170- Euro 15,863.50 ). Hu inoltre, iddikjara illi ma saritx lill-genituri tieghu ir-refusjoni tal-ammont ta’ LM30,000 lilhom misluf biex jakkwistaw il-farmhouse.

L-attrici, fin-nota ta’ sottomissjonijiet minnha pprezentata fid-29 ta’ Awissu 2016, Fol 2411 tirrimetti ruhha ghar-rapport peritali billi generalment hemm qbil mal-

konkluzjonijiet hemm raggunti salv li ghandu jkun hemm giudizzju dwar il-granet li l-minuri A jqatta' ma ommu fil-btajjel annwali tal-iskola, stante li ommu tghix fl-Irlanda.

Il-konvenut, b'rikors ipprezentat fl-20 ta' Jannar 2013 talab li kemm it-talba tal-attrici ghas-separazzjoni personali, kif ukoll dik tieghu maghmula bil-kontrotalba, ghandhom jitqiesu minnflok bhala talbiet ghall-pronunzjament ta' divorzju. B'verbal registrat fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2013, Fol 714, l-attrici prezenti fl-Awla ddikjarat li kienet qed tiehu konjizzjoni tal-imsemmi rikors u l-avukat taghha f'isimha ddikjara li hi taqbel mal-istess talba.

Qed tinghata decizjoni illum dwar din it-talba kontestwalment mal-ghoti tas-sentenza odjerna.

**KUNSIDERAZZJONIJIET.**

Il-partijiet izzewwgu fit-22 ta' Settembru 1990 u kellhom zewg subien, Dean li twieled fit-30 ta' Settembru 1991 u A li twieled fid-29 ta' Marzu 2002. Id-dar matrimonjali tal-partijiet kienet il-farmhouse - omissis - Zurrieq.

Il-konvenut, ikkonferma fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tieghu, Fol 1023, li din nbieghet bil-prezz ta' Euro 582,343, l-ekwivalenti ta' LM 250,000 b'kuntratt pubblikat minn Nutar Jean Pierre Attard fis-16 ta' April 2013.

Il-konvenut telaq definittivament mid-dar matrimonjali wara incident tat-13 ta' April 2003 meta martu kienet fis-sakra, u saret vjolenti billi tefghet gebel fid-direzzjoni tieghu u tal-van tieghu. Hu telaq u ma regax irritorna l-anqas biex jiehu l-effetti personali tieghu.

Il-konvenut ikkonferma li l-ewwel hames snin taz-zwieg ghamluhom jghixu fl-Irlanda, Fol 169, li l-problemi bdew mill-ewwel, u dejjem komplew jaggravaw matul iz-zwieg minhabba l-vizzju tax-xorb tal-attrici, hu jghid li l-problemi ta' bejniethom kienu l-konsegwenza ta' dan il-vizzju.

L-attrici, mill-banda l-ohra, Fol 86, tikkontendi li l-problemi ta' bejniethom bdew meta gew jghixu Malta. Hi tghid " It was when we came to live in Malta that all the problems began". L-attrici tikkontendi li l-karattru tal-konvenut u l-atteggjament tieghu fil-konfront taghha tbiddlu kompletament billi hu dahal b'ruhhu u gismu fix-xoghol tal-hwienet u ma baqax jirrispettaha, fi kliemha " he suddenly started to hate me".

Il-konvenut dan jikkontestah u jinsisti li l-unika problema li kellhom u li ghad ghandhom hi il-vizzju taghha ta' xorb eccessiv tant li hu jiddikjara enfatikament, "Il-mara tieghi hi alkoholika", Fol,169. Hu kkonferma li anke meta kienu ghadhom l-Irlanda missierha kien hadha f'home gewwa Newrly, dar li titmexxa mis-sorijiet fl-Irlanda u anke meta gew Malta hu stess kien jakkompanjaha ghas-sessjonijiet tal-*Alchohic Anonymous*.

L-attrici tallega li zewgha kien vjolenti maghha, Fol 86, li kien jobsqilha, jitfalha sigaretti mixghula, bla ebda raguni, jigbdilha xaharha u "once he hit me on my head with an object and he split my head open and needed six stitches".

Dan hu kkontestat mill-konvenut li jiddikjara " Jiena nichad li qatt erfajt idejja fuq marti u dak kollu li qed tghid fl-affidavit taghha hu inveritjier", Fol 181.

L-attrici fl-affidavit taghha, mahluf fit-23 ta' Frar 2005, Fol 86, tiddikjara li fis-sajf tas-sena 2003, zewgha telaq mid-dar matrimonjali f'April tal-istess sena, skopriet li zewgha kellu relazzjoni ma' Sharon Sant (il-konvenut jirreferi ghaliha bhala Sharon Castaldi Fol 172) li kienet tahdem bhala salesgirl f'wiehed mill-hwienet ta'zewgha, u li din kienet tqila bit-tarbija tieghu, l-konvenut mill-banda l-ohra, Fol 181 jiddikjara li din r-relazzjoni bdiet wara li kien telaq mid-dar konjugali u li din ma kinitx l-kawza tat-tifrik taz-zwieg.

Il-konvenut jallega li l-attrici ghandha relazzjoni ma' certu Paul Cutajar. L-attrici, meta xehdet in kontroezami fis-seduta tal-25 ta' April 2006 tammetti li kienet ilha tafu minn xi sentejn u nofs qabel u ilha tohrog mieghu xi sitt gimghat; missierha, Patrick Mooney ikkonferma li fl-Ghid tas-sena 2006, Paul Cutajar kien mistieden id-dar tieghu fl-Irlanda flimkien mal-attrici, pero' ma kienx jaf jekk raqadx fl-istess kamra tas-sodda mal-attrici. L-istess attrici mistoqsija jekk ir-relazzjoni kinitx wahda fizika u intima, rrifjutat li tirrispondi.

L-attrici takkuza lill-konvenut zewgha li abbandunaha u stabbilixxa relazzjoni permanenti ma' Sharon, impjegata tieghu li tahdem bhala salesgirl f'wiehed mill-hwienet minnu gestiti.

**ABBANDUN**.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Giuseppa Camilleri pro et noe vs Rocco Camilleri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Novembru 1964, ntqal li :

"L-essenza tal-abbandun tirrisjedi fil-persistenza u l-kontinwita' ta' wiehed jew wahda mill-konjugi, illi jghix apparti mill-konjugi l-ohra jew l-iehor, skont il-kaz, minnghajr raguni tajba".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Jane sive Giovanna Cordina vs Dr. Albert V Grech et noe**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Jannar 1965 ntqal li:

"Biex l-abbandun jkun kawzali ta' separazzjoni personali hemm bzonn li (1) jkun ghall-perjodu ta' al menu sentejn u (2) li jkun minghajr gusta kawza.

L-apprezzament tac-cirkostanzi ta' fatt jekk tezistix jew le giusta kawza huwa mholli fil-kriterju tal-gudikant".

Fil-kaz in ezami ghalkemm irrizulta li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali f'April 2013 u ma regax irritorna, jirrizulta sodisfacentment ippruvat illi l-attur kien kostrett jitlaq mid-dar in segwitu ghal incident li sehh fit-13 ta' April 2003, meta l-attrici martu kienet ghal darba ohra fis-sakra, ma kinitx f'sura li tigi fdata bil-kura tal-minuri, apparti mill-fatt li kienet vjolenti mieghu billi wadbitlu l-gebel fid-direzzjoni tieghu u tal-vettura tieghu. Dan ma kienx incident izolat, izda wiehed minn sensiela li kienu qed jirripetu ruhhom matul is-snin, tant li f'dik is-sitwazzjoni impossibbli l-konvenut kien kostrett li jallontana ruhhu mid-dar matrimonjali.

**HAJJA MATRIMONJALI INSOPPORTABBLI.**

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 fejn intqal li :
"Certi fatti,kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu irendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Caterina Y vs Benedict Y**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 gie ritenut li l-Ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri.

Fil-kaz in ezami rrizulta mill-provi li l-attrici kienet abitwalment u ripetutament tkun fis-sakra; l-attrici ma kinitx tkun fis-sakra f'okkazjonijiet rari u eccezzjonali. Il-konvenut, in fatti ddikjara li kien ikun kuntent li kieku l-attrici setghat trabbi lill-minuri A; kieku ma kellhiex il-vizzju tax-xorb kienet tkun omm ezemplari, pero' billi sfortunatament spiss tkun fis-sakra, m'hiex idonea u l-anqas hu fl-ahjar interess tal-minuri li jkun espost ghal sitwazzjonijiet fejn jara lill-ommu fis-sakra.

**ADULTERJU**.

Il-partijiet reciprokament akkuzzaw lil xulxin bl-adulterju. L-attrici tallega li l-konvenut zewgha ikkommetta adulterju ma' Sharon, ghandu tarbija minnha u qed jghix maghha. Il-konvenut jallega li l-attrici kkommettiet adulterju ma' Joseph Bartolo u ma' Paul Cutajar.

Fil-gurisprudenza nostrana l-adulterju huwa meqjus bhala wiehed mill-aktar raguni gravi ghat-tkissir taz-zwieg ghaliex proprju jkisser wiehed mill-pilastri ta' zwieg b'sahhtu: il-Fedelta' Matrimonjali. Huwa rikonoxxut ukoll illi min-natura tieghu l-adulterju mhux dejjem facli tippruvah. Fil-kawza fl-ismijiet "**Rosina Micallef vs Angelo Micallef**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1964 ntqal:

" L-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indagni u presunzjonijiet, purche' dawn jkunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallux ebda dubju f'min ghandu jiggudika."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Josephine Edwards vs Dottor Jos. H. Xuereb noe**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1961 ntqal:

"Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza 'de visu' jew il-flagranza, imma bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, illi jwasslu lill-giudikant ghall-konvinciment tal-fatt".

Fil-kaz in ezami ghalkemm gie ppruvat li sew l-attrici kif ukoll il-konvenut kellhom u/jew ghad ghandhom relazzjonijiet adulteri, jirrizulta illi tali relazzjonijiet sehhew wara li z-zwieg kien tkisser irrimedjabbilment u l-partijiet kienu gia' qed jabitaw separatament minn xulxin b'mod permanenti. Ghalhekk ma rrizultax li dawn ir-relazzjonijiet adulteri kienu jezistu qabel l-partijiet sseparaw 'de facto'.

Fil-kaz tal-konvenut, hu ddikjara li r-relazzjoni ma' Sharon bdiet wara li hu telaq mid-dar matrimonjali, cioe' wara April 2003, meta l-minuri A kien gja ghalaq sena, mentri r-relazzjoni tal-attrici ma' Paul Cutajar kienet snin wara u cioe' fis-sena 2006. Dwar l-allegat adulterju tal-attrici ma' Joseeph Bartolo, dan gie michud kemm mill-attrici kif ukoll mill-istess Bartolo, u dwar l-allegata infedelta' tal-konvenut ma' certa Doyle, ma saret l-ebda prova.

**KURA U KUSTODJA**.

Fil-kors tas-smigh tal-kawza saru numru konsiderevoli ta' rikorsi, inghataw diversi digrieti interim u saru numru ta' rapporti minn esperti dwar il-kura u l-

kustodja tal-minuri, in vista tal-fatt li l-attrici kienet f'diversi okkazjonijiet fis-sakra meta kellha l-access ghall-minuri A, u dan hu rifless fid-digrieti li b'konsegwenza ta' hekk gie limitat l-access taghha u ristrett bil-kundizzjoni ta' supervizjoni. Il-Perit Legali, fir-relazzjoni taghha ghamlet sintezi taghhom li tinsab Fol 2374 et seq.

Partikolarment rilevanti huwa r-rapport tal-Avukat tat-Tfal, Dottor Mary Muscat tal-31 ta' Mejju 2011, Fol 555 li kkonkludiet li hu fl-ahjar interess ta' A li 'jghix hieles mill-esperjenza li jara lil ommu xurbana u bla kontroll minhabba l-alchohol' u li 'jkun ta'gid ghal A li sakemm l-omm tirrijabilita ruhha, il-minuri jista' jafda fuq il-kenn u l-protezzjoni li jista' joffrilu missieru'.

B'Digriet tat-2 ta' Gunju 2011, Fol 577, il-Qorti ordnat li l-kura u kustodja tal-minuri A tkun f'idejn il-konvenut li ghandu jipprovdi ghall-bzonnijiet tieghu, gie sospiz il-manteniment ghall-attrici, u l-beneficcji socjali relatati mal-minuri kellhom jigu percepiti mill-konvenut. L-attrici giet ordnata li tfittex ghajnuna professjonali ghall-problema tax-xorb.

Wara li l-Qorti semghet lill-minuri 'in camera', b'digriet tas-6 ta' Marzu 2013, Fol 658, rrevokat d-digriet tat-2 ta' Gunju 2011 u 'inter alia' ordnat li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun kongunta.

It-tifel iddikjara li ma tantx kien kuntent ma' missieru, billi dan kien jmur ix-xoghol, kien jigestixxi il-bar ta' kazin, u jew kien jiehdu mieghu, fejn it-tifel kien jiddejjaq jew ihallieh ma' zitu. Dwar dan il-Qorti pprovdiet li meta minhabba x-xoghol ma jkunx jista' joqghod ma' ibnu, l-missier ghandu jirritorna lill-minuri ghand ommu.  Dan naturalment illum ma jistax isir hekk minhabba li l-attrici tirrisjedi l-Irlanda.

It-tifel, naturalment jhoss n-nuqqas tal-presenza ta' ommu f'hajtu, u mhux kuntent bil-mod kif zviluppaw l-affarjiet, fejn hu ma jahti xejn, pero' f'sitwazzjonijiet simili wiehed ghandu jivvaluta u jikkonsidra ic-cirkostanzi kollha, tenut kont tal-fatt li d-decizjoni dwar il-kura u kustodja tal-minuri, ghandha tittiehed, fl-ahjar interess tal-istess minuri.

Sfortunatament irrizulta li l-attrici ghadha tbati mill-konsegwenzi ta' xorb eccessiv u ghalhekk mhux fl-ahjar interess tal-minuri li jigi fdat fil-kura u kustodja taghha.

Il-minuri jattendi skola hawn Malta u l-fatt li l-omm marret tghix l-Irlanda jwassal ghall-konkluzjoni l-aktar logika, li biex l-minuri ma jiddisturbax l-attendenza regolari tieghu il-kullegg, hu ghandu jirrisjedi f'Malta, fil-kura u kustodja ta' missieru, u li meta l-omm tkun Malta, ghall-perjodi qosra ta' vakanza, ghandha

tinghata dritt ta' access ghall-minuri. Jekk dan jkunx taht supervizzjoni jiddependi mill-istat ta' sahhitha meta titlob ghall-access.

Ghal dan il-ghan **il-Qorti qed tinnomina lill-Agenzija Appogg** sabiex meta l-attrici tkun Malta isir programm ta' access monitored mill-Agenzija Appogg bi qbil mal-missier u b'konsultazzjoni mal-minuri, liema access jista' jinkludi 'sleep overs'. L-Agenzija Appogg qed tinghata d-dritt li twaqqaf l-access jekk jirrizultalha li l-kundizzjoni tal-omm tista' tpoggi lill-minuri f'periklu.

**MANTENIMENT**.

Dwar il-manteniment tal-minuri, l-Perit Legali elenkat fir-relazzjoni taghha, Fol 2380 id-diversi digrieti li nghataw tul il-kors tas-smigh tal-kawza.

Apparti kull kunsiderazzjoni dwar il-mezzi finanzjarji rispettivi tal-partijiet, illum hu fatt li il-minuri jghix ma' missieru li qed jiehu hsieb u jaghmel tajjeb ghall-htigijiet kollha tal-minuri. Huwa minnu pero' li kull genitur ghandu l-obbligu li jikkontribwixxi ghall-ispejjez relatati mat-trobbija ta' minuri. Mhux prattikabbli li l-attrici rikonvenzjonata tigi kkundannata thallas lill-konvenut arretrati ta' manteniment ghall-minuri u manteniment futur ghall-minuri. Fic-cirkostanzi qed tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata thallas lill-konvenut is-somma ta' ghoxrien elf ewro (Euro 20,000) sabiex taghmel tajjeb ghall-manteniment passat u futur tal-minuri A liema somma ghandha tigi imputata mill-konvenut mill-ammonti li permezz tas-sentenza odjerna qed jigi kkundannat li jhallas lill-attrici.

Peress li rrizulta li z-zewg partijiet ghandhom jew kellhom relazzjonijiet adulteri, huma t-tnejn iddekadew mid-dritt li jitolbu u /jew jircievu manteniment minn xulxin.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Irrizulta li d-dar matrimonjali - omissis - Zurrieq nbieghet bil-prezz ta' Euro 582,343 b'kuntratt pubblikat minn-Nutar JeanPierre Attard fis-16 ta' April 2016, Fol 1023.

Il-konvenut ikkonferma li mir-rikavat tal-bejgh ta' din il-propjeta' l-partijiet hallsu id-dejn dovut lill-missier l-attrici fl-ammont ta' Euro 120,000; hallsu l-ammont ta' Euro 4125 lil Go plc, kontijiet tat-telephone; hallsu l-ammont ta' Euro47,195.23 lil HSBC Bank Malta plc dejn tas-socjeta' Strings Enterprises Limited. Thallas ukoll il-kont tad-Dawl u l-Ilma fl-ammont ta' Euro 22,470 li l-konvenut jippretendi li jigi rifuz sehemu minn dan il-kont, cioe' Euro11,235 billi l-kontijiet jirriferu ghall-konsum u servizz meta d-dar kienet okkupata esklussivament mill-attrici.

Il-konvenut, minn sehmu mir-rikavat tal-bejgh hallas Euro62,532.19 lil HSBC Bank Malta plc dejn tal-kumpanija G& R Ltd u jipprettendi li l-attrici thallsu nofs dan l-ammont cioe' Euro 31,266, Fol 1025.

Il-konvenut iddikjara li d-dar matrimonjali ma nbieghetx bl-ghamara , u li din kienet giet stmata mill-Espert Vincent Ciliberti fl-ammont ta' Euro 49,161. Hu kkonferma li ma ha xejn minn din l-ghamara, u li l-attrici qaltlu li tat xi ghamara lit-tifel Dean u l-kumplament tinsab f'garage f'Hal Qormi. Hu ghalhekk jipprettendi nofs dan l-ammont cioe' Euro 24,580. Kif tajjeb irriteniet il-Perit Legali hemm divergenza bejn il-partijiet x'sar minn din l-ghamara; skont l-attrici din ittiehdet mill-konvenut li poggiha fid-dar ta' ommu, mentri l-konvenut jghid li l-attrici qaltlu li tat xi haga minnha lit-tifel u l-bqija tpoggiet f'garage f'Hal Qormi u li ma qaltlux bl-indirizz. F'dawn c-cirkostanzi partikolari, kif korrettement ikkonkludiet il-Perit Legali mhux possibbli li ssir divizjoni ta' ghamara li fizikament ma irrizultax f'hiex tikkonsisti illum u fejn tinsab.

Dwar l-ghamara li hemm fil-Flat 2, Therdor Flats, Triq l-Ghannejja Birzebbuga, propjeta' tal-genituri tal-konvenut fejn mar jghix wara li telaq mid-dar matrimonjali, kkonferma li l-istima taghhom mill-Espert Ciliberti kienet fl-ammont ta' Euro 5008 u jaqbel li ghandu jaghti n-nofs lill-attrici cioe' Euro 2,504.

Qabel ma xtraw id-dar matrimonjali l-partijiet ghamlu xi zmien bejn in-1995 u in-1999, jghixu fil-Flat 4, Sky Blue Flats, Triq Mikiel Abela, Birzebbuga, propjeta' tal-genituri tal-konvenut minghajr ma hallsu kera. Kienu xtraw xi ghamara li hallew warajhom bhala kumpens u turija ta' apprezzament lill-genituri tieghu.

Il-flat sussegwentement nkera furnished, u l-konvenut iddikjara li dawn ma ghandhomx jigu kkunsidrati ghall-finijiet ta' likwidazzjoni u qsim. Il-Perit Legali qablet ma' din is-sottomissjoni, Fol 2283, anke ghar-raguni li din l-ghamara ma gietx specifikata u ma tinsabx fil-pussess tal-konvenut. Il-Qorti taqbel ma' tali rakkomandazzjoni.

**Strings Enterprises Limited.**

Il-Perit Legali rrilevat, Fol 2386, li mir-rikavat tal-bejgh tad-dar thallas l-ammont ta' Euro 47,195.23, dejn li l-kumpanija kellha mal-HSBC Bank Malta plc.

In-numru ta' ishma li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti hu 3,500 n-nofs minn total ta' 7000 ishma, l-ishma l-ohra 3500 huma parafernali tal-konvenut. Billi dawn inghataw valur ta Euro 13.91 kull sehem il-valur ta' nofs l-ishma fil-

kumpanija hu ta' Euro 48,685. Dawn ghandhom jigu assenjati lill-konvenut,li diga' ghandu n-nofs tal-ishma l-ohra, li ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ta' **Euro 24,342.50** rapprezentanti sehemha.

Il-kumunjoni tal-akkwisti ghandha kreditu favur taghha kontra Strings Enterprises Limited fl-ammont ta' Euro 47,195.23 li thallas lill-HSBC Bank Malta plc mir-rikavat tal-bejgh tad-dar.

Peress li issa l-konvenut qed isir l-uniku azzjonist tal-kumpanija **Strings Enterprises Limited** qed jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' Euros 23,597.61 rapprezentanti nofs l-ammont dovut minn Strings Enterprises Limited lill-komunjoni.

**G & R Limited.**

Il-konvenut hu propjetarju ta' 1,900 sehem minn din il-kumpanija li kienu gew lilu ddonati mill-genituri tieghu filwaqt li l-komunjoni tal-akkwisti hi propjetarja ta' 2000 sehem.

Irrizulta mill-provi illi l-komunjoni tal-akkwisti ghandha taghti lill-kumpanija imsemmija l-ammont ta' Euro 31,727. Inoltre rrizulta wkoll li l-konvenut hallas minn sehemu mill-bejgh tad-dar matrimonjali, s-somma ta' Euro 62,532.19 lill-HSBC Bank Malta plc liema dejn kien dovut mill-kumpanija G & R Limited lil HSBC Bank Malta plc.

Minn dan isegwi illi huwa dovut mill-kumpanija G & R Limited lill-konvenut is-somma ta' Euro 62,532.19 u mill-komunjoni lil G & R Limited is-somma ta' Euro 31,717. Il-Perit Legali kkonkludiet li s-somma ta' Euro 30.805.19 (Euro 62,532.19- Euro 31,727.00) ghandha tithallas lill-konvenut biss, peress li l-Bank kien thallas minn sehemu mir-rikavat tal-biegh. Il-Qorti taqbel ma' din il-konkluzzjoni u taghmilha taghha.

In oltre, l-Perit Legali rrakkomandat li l-2000 sehem tal-komunjoni ghadhom jigu assenjati lill-konvenut li ghandu jhallas nofs il-valur taghhom lill-attrici cioe' l-ammont ta' **Euro 21,170.**

Il-konvenut fin-nota ta' kritika tieghu Fol 2404, ssottometta li l-attrici ghandha thallas l-ammont ta' Euro 15,863.50 sehemha mid-dejn dovut mill-komunjoni lill-kumpanija. Din il-kritika mhiex korretta billi, kif tajjeb irrakkomandat il-Perit Legali il-kreditu dovut lill-komunjoni ta' Euro 30,805.19 ma ghandux jigi diviz ugwalment bejn il-partijiet, izda ghandu jircevih il-konvenut wahdu.

**Vettura.**

Il-partijiet kellhom il-vettura Seat Cordoba FEL 002. Fil-11 ta' Awissu 2006, Fol 303. Il-konvenut qed jitlob li l-vettura tinbiegh jithallas id-dejn, li n-number plates jigu ritornati lill-Awtorita' tat-Trasport u li l-multi u l-penali jithallsu mill-attrici.

Fl-24 ta' Ottubru 2006, Fol 311, il-Qorti ordnat lill-attrici tirritorna n-number plates tal-vettura lill-Awtorita' tal-Licenzji, u b'verbal registrat fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2012 gie ddikjarat li l-vettura ma nstabitx.

Ghalkemm veru li kienet saret stima dan kien snin ilu, l-valur attwali tal-vettura, jekk din ghadha tezisti, illum hu prattikament negligibbli. Fic-cirkostanzi, dak rakkomandat mill-Perit Legali hu korrett u ghandu jigi kkonfermat.

Peress li l-vettura kienet fil-pussess tal-attrici, din ghandha tigi assenjata lilha u l-istess attrici tkun responsabbli ghall-multi u /jew arretrati tal-licenzji, kif ukoll jekk ikun il-kaz thallas kwalunkwe bilanc talvolta dovut fuq il-vettura.

Dwar kontijiet bankarji qed tigi adottata l-konkluzjoni tal-Perit Legali li kull parti ghandha tigi assenjata l-kontijiet intestati f'isem dik il-parti. Qed jigi prezunt li l-kontijiet kongunti ta' self illum nghalqu.  Dwar xi kont bankarju fl-esteru, dejjem jekk ghad fadal xi bilanc fih, dan ghandu jinqassam ugwalment bejn il-partijiet.

**Kontijiet/Djun**

Il-konvenut kien gie kkundannat b'sentenza tal-4 ta' Marzu 2010 tat-Tribunal ghall-Talbiet Zghar, sabiex ihallas lill-Maltacom plc l-ammont ta' Euro3,461.26 rapprezentanti kont tat-telephone tad-dar matrimonjali li jirreferi ghaz-zmien meta kien gia telaq mid-dar matrimonjali. Kienu nkluzi ukoll il-kontijiet tal-flat f'Portomaso propjeta' ta' missier l-attrici. Jirrizulta li l-ammont ta' Euro 4125 thallas lill-Go plc mir-rikavat tal-biegh tad-dar, Fol 1023. Thallas ukoll l-ammont ta' Euro22,470 kontijiet tad-dawl u l-Ilma, b'kollox Euro 26,865. Billi dawn il-kontijiet jirreferu ghaz-zmien meta l-konvenut kien telaq mid-dar matrimonjali, u thallsu mir-rikavat tal-biegh tad-dar, hi korretta l-konkluzjoni tal-Perit Legali dwar dawn il-kontijiet, li l-attrici ghandha tirrifondi lill-konvenut is-somma ta' **Euro 13,432.50** rapprezentanti il-parti tal-kontijiet imhallsa minn sehem il-konvenut mir-rikavat tal-biegh tad-dar.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza u l-kontro-talba billi prevja li tilqa' u tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-partijiet rispettivament in kwantu kompatibbli ma' dak hawn deciz, :-

1. Tilqa in parti l-ewwel talba attrici u tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali, u in vista tad-decizjoni moghtija kontestwalment bejn l-istess partijiet dwar il-konversjoni minn talba ghal separazzjoni personali ghal talba ta' divorzju, tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet ghal tortijiet imputabbli unikament lill-attrici u tiffissa t-12 ta' April 2003 bhala d-data li ghandha tigi meqjusa li minnha l-attrici rikonvenzjonata kienet hatja ghall-firda;

2. Tichad it-tieni u t-tielet talba attrici;

3. Tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali;

4. Tilqa' t-tielet talba rikonvenzjonali u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri A (it-tifel l-iehor Dean hu illum maggjorenni) tigi fdata esklusivament f'idejn il-konvenut missieru;

5. Tilqa' r-raba' talba attrici u s-sitt talba rikonvenzjonali; tiddikjara xjolta u tterminata l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tordna li d-divizjoni ssehh skont kif deciz supra;

6. Tichad il-hames talba attrici billi ma rrizultax li ghad fadal oggetti propjeta' parafernali tal-attrici fil-pussess tal-konvenut;

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt u tas-seba' talbiet attrici, billi d-dar matrimonjali fiz-Zurrieq, nbieghet lill-terzi fil-mori tal-giudizzju;

8. Tilqa' t-tmien talba attrici limitatament ghall-applikazzjoni tad-dekadenza mid-dritt tal-konvenut li jitlob manteniment minn ghand l-attrici; u

9. Tichad id-disa' talba attrici

10. Tilqa' r-raba' talba rikonvenzjonali, tiddikjara li l-attrici hija fl-obbligu li tikkontribwixxi ghall-ispejjez relatati mat-trobbija tal-minuri A, u tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata thallas lill-konvenut ghal darba wahda biss s-somma ta' ghoxrien elf ewro (Euro 20,000) sabiex taghmel tajjeb ghall-obbligu tal-passat u tal-futur tal-attrici li thallas manteniment ghall-minuri.

Tilqa' l-hames talba rikonvenzjonali u tapplika fil-konfront tal-attrici s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' u tat-tmien talba rikonvenzjonali.

Tilqa' d-disa' talba rikonvenzjonali.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**